MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2011

Numru. 1435/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ian J. Abdilla]**

**vs**

**Maria Alexia Cardona**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Maria Alexia Cardona detentrici tal-karta tal-identita` numru 8882(M).

Akkuzata talli fil-5 ta' Awwissu 2010 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer,
1. Tat ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt; jew gieghelet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali jew weghdiet; jew tat struzzjonijiet biex isir delitt; jew b'xi mod li jkun, xjentament, ghenet jew assistiet lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, ghamlu jew taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

2. u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, weghdet, tat jew offriet, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex iggieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza, sew jekk dan il-vantagg mhux xieraq kien ghal dik il-persuna jew ghal xi haddiehor;
3. u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat taghrif falz;

4. u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, halfet il-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament.

Rat it-talba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi:
i. tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
ii. tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti;
iii. tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti processwali inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali u l-ezami tal-imputata li wiegbet hatja biss ghall-ewwel tliet akkuzi kif dedotti kontriha u li tali amissjoni giet ikkonfermata anke wara li inghatat zmien opportun sabiex tirregola ruhha.

Rat ukoll ix-xhieda u d-dokumentazzjoni pprezentati tul dan il-process.

Rat li l-fedina tal-imputata hija wahda netta.

Ikkunsidrat; illi l-imputata giet akkuzata b'diversi akkuzi fosthom li rrendiet ruhhu komplici fil-process li bih kellha fil-pussess taghha licenzja tas-sewqan ghall-kategorija ta' "Minibus" kategorija D li ma kienitx mahruga b'mod validu u li kien jaf li kien qed juza dan id-dokument minkejja dan il-fatt.

Illi mill-provi prodotti partikolarment mix-xhieda tal-Ispettur Ian Abdilla, irrizulta illi din il-licenzja ta' Minibus giet inserita fl-2009 minghajr l-ebda dokumentazzjoni min-naha tat-Transport Malta. Illi finalment l-Ispettur Abdilla informa lill-Qorti li l-imputata, filwaqt li kkoperat bis-shih mieghu, tahdem bhala social worker mal-agenzija Appogg u fil-fatt hija gabet din il-licenzja sabiex tkun tista' twassal lil xi nies b'dizabilita`.

Illi rat ukoll li b'verbal tas-27 ta' Mejju 2011, ix-xhud Mandy Carbone, li kienet l-iskrivana li allegatament mliet il-formola tal-affidavit iffirmata mill-imputat (Dok IA3) din ghazlet li ma tixhidx sabiex ma tinkriminax ruhha.

Illi semghet ukoll ix-xhieda tal-istess imputata li kkonfermat li hija verament marret l-Awtorita` u mliet formola u ffirmata izda hija qatt ma hadet gurament.

Illi ghalhekk ghal dak li jirrigwardja it-tehid ta' gurament u cioe` l-uniku akkuza li ma ammettietx l-imputata, din ma gietx ippruvata bl-ebda mod ghaliex anke l-istess Mandy Carbone ma xehditx fuqha.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 42 (d), 121A (1), 185 (1), 186, 188 u 108 (1) (b) tal-Kap 9, qed issib lill-imputata Maria Alexia Cardona hatja biss tal-ewwel tliet akkuzi u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 qeghda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum, filwaqt li tilliberaha mir-raba' akkuza stante li din ma gietx ippruvata.
Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------